Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru. 585/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Nicholina Vella nee' Aquilina**
**Mariella Vella**

Kumpilazzjoni Nru: 585/2011

Illum, 22 ta' Gunju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Nicholina Vella** nee' Aquilina, ta' 48 sena, bint Nicholas Aquilina u Maria Assunta nee' Mangion, imwielda Siggiewi, fit-08 ta' Frar, 1962 u residenti fil-fond 1, Xlendi

Farmhouse, Triq Lapsi, Siggiewi u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 97362(M); u

**Mariella Vella**, ta' 29 sena, bint Victor Michael Vella u Nicholina nee' Aquilina, imwielda Pieta', fit-22 ta' Awissu, 1981 u residenti fil-fond 1, Xlendi Farmhouse, Triq Lapsi, Siggiewi u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 492081(M).

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu, 2008 jew fix-xhur ta' qabel, weghdu, taw jew offrew, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza.

Rat l-artikolu 121A tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigii hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu l-imputati qed jinstabu hatja, il-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjoni migjuba kontra taghom u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------